

2. It-tieni motiv ibbażat fuq li r-Regolament ikkонтestat jirriżulta minn proċedura li matulha d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti ma ġewx irrispettati.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq li r-Regolament ikkонтestat ġie adottat bi ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali minħabba li ġew applikati linji gwida b'mod żbaljat.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq li r-Regolament ikkонтestat ġie adottat bi ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.
5. Il-ħames motiv ibbażat fuq li r-Regolament ikkонтestat ġie adottat bi ksur tal-prinċipju ta' prekawzjoni.

---

### Rikors ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2019 — Forte vs Il-Parlament

(Kawża T-519/19)

(2019/C 305/76)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrent: Mario Forte (Napoli, l-Italja) (rappreżentanti: C. Forte u G. Forte, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

#### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- Prinċipalment, tannulla l-att ikkонтestat;
- Prinċipalment, tannulla kull att preċedenti, konness u sussegwenti għall-att ikkонтestat li jiproduċi effetti ġuridiċi fir-rigward tar-rikorrent;
- tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors huwa intiż kontra d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew D(2019)20777 iffirmata minn Sune Hansen, Kap tad-Diviżjoni Remunerazzjoni u Drittijiet Soċjali tal-Membri Parlamentari, diviżjoni li hija parti mid-Direttorat tad-Drittijiet Finanzjarji u Soċjali fi ħdan id-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi tal-Parlament Ewropew, li tistabilixxi mill-ġdid id-drittijiet għall-pensioni relatati mal-waqfi tal-attività insegwitu għad-dħul fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2019 tad-Deliberażzjoni Nru 14/2018 tal-Ufficio di Presidenza della Camera dei Deputati (l-Uffiċċju tal-Presidenza tal-Kamra tad-Deputati, l-Italja) u li tordna l-irkupru tal-ammont imħallas indebitament.

Il-motivi u l-argumenti ewlenin huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-345/19, Santini vs Il-Parlament; T-347/19, Falqui vs Il-Parlament u T-389/19, Coppo Gavazzi vs Il-Parlament.

B'mod partikolari, huwa invokat in-nuqqas ta' loġika wara l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, in-nuqqas ta' evalwazzjoni tal-legealitā tad-Deliberażzjoni Nru 14/2018 fir-rigward tal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li huma l-prinċipji ta' raġonevolezza, ta' proporzjonalità, ta' ċertezza, ta' prevedibilità u ta' aspettattiva leġittima kif ukoll il-protezzjoni tad-drittijiet miexsuba, il-ksur tal-Artikolu 6 TUE; il-ksur tal-miżuri ta' implementazzjoni tal-istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew, il-ksur tar-regolament finanzjarju, il-ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza u ta' nuqqas ta' retroattività tar-regoli kif ukoll il-ksur tal-prinċipju ta' aċċess għall-protezzjoni u għall-għustizzja.